Kunsill Lokali Mtarfa

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2019

*Ikkumpilat minn Josette Micallef, Segretarju Eżekuttiv*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2019 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill matul dan il-perjodu.

Il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa huwa magħmul minn ħames kunsilliera. Matul is-sena 2019 kien hemm elezzjoni fejn sal-aħħar ta' Ġunju, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

Dr Daniel John Attard bħala Sindku
Antoine Vella bħala Vici Sindku
Simon Fenech
Anthony Mifsud
Helen Bugeja

L-attendenza għal-laqgħat kienet kif ġej:

**Laqgħat tal-Kunsill bejn Jannar u Ġunju**

| Daniel Attard *Sindku* | Antoine Vella *Viċi Sindku* | Simon P. Fenech *Kunsillier* | Anton Mifsud *Kunsillier* | Helen Bugeja *Kunsillier* |
|---|---|---|---|---|
| 100% | 71% | 100% | 86% | 86% |

Minn Lulju 'l quddiem inbidlu 3 membri tal-Kunsill u l-Kunsill il-ġdid ġie ffurmat minn:

Dr Daniel John Attard bħala Sindku
Kyle Mifsud bħala Vici Sindku
Simon Fenech
Marika Sammut Dimech
Christianne Mifsud (ġiet *co-opted* minflok Anthony Mifsud li rrizenja biex izomm il-post ta' President tar-Reġjun Tramuntana)

Bejn l-1 ta' Lulju u l-aħħar ta' Diċembru, il-Kunsill iltaqa' seba' darbiet, fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet waħda pjuttost tajba u regolari.

| Daniel Attard *Sindku* | Antoine Vella *Viċi Sindku* | Simon P. Fenech *Kunsillier* | Marika Sammut Dimech *Kunsillier* | Christianne Mifsud *Kunsillier* |
|---|---|---|---|---|
| 100% | 100% | 100% | 86% | 67% |

**AMMINISTRAZZJONI:**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv, u jgħinuha fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet kien hemm tim ta' tlett impjegati oħra. Fil-prezent, l-amministrazzjoni fl-inter tagħha hija komposta kif ġej:

- Josette Micallef bħala s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill;
- Katia Fenech, Assistant Uffiċjal Principali, Skala 11
- Annalise Mallia, skrivana part-time fuq Skala 15, u
- Melanie Cachia Sarcia, skrivana part-time fuq skema tal-Ħaddiema Komunitarji (CWSEF)

Bejn Jannar u Ġunju kien hemm ukoll skrivan ieħor fuq l-Iskema tal-Ħaddiema Komunitarji (CWSEF) minflok is-Sinj. Mallia.

Il-Kunsill kellu wkoll is-self ta' zewġ ħaddiema tal-RSS, Andrew Bondin u Victor Cilia, li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità. Riċentament ingħaqad magħna wkoll ħaddiem ieħor, Dylan Galea, fuq l-Iskema tal-Ħaddiema Komunitarji (CWSEF).

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll is-servizz ta' esperti bħal avukat, periti kif ukoll *accountant* u *project manager* biex jgħinu lill-amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-ezekuzzjoni tad-deċizjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera fil-bidu tal-leġizlatura l-ġdida huma kif ġej:

**Is-Sindku:**

Finanzi, Proġetti, Infrastruttura, Fondi Ewropej, l-Anzjani, it-Trasport, l-Attivitajiet u Komunikazzjoni

**Il-Viċi Sindku**

Żgħażagħ u Tfal, Saħħa, Immaniġġjar ta' Traffiku, Manutenzjoni Ġenerali, Entitajiet Lokali u Komunitajiet

**Simon Fenech**

Tindif tat-Toroq u ż-Żoni Residenzjali, Manutenzjoni tal-Ġonna, Immaniġġjar tal-Iskart, u Immaniġġjar tal-Faċilitajiet Sanitarji

**Marica Sammut Dimech**

Edukazzjoni, it-Tisħiħ Kulturali u l-Identità Lokali, it-Turiżmu, il-Qasam Soċjali, Relazzjonijiet mal-Kumitati Amministrattivi, u Żvilupp Sostenibbli

**Christianne Mifsud**

Politika Reġjonali, l-Ambjent, Ħarsien tal-Annimali, l-Isport, Innovazzjoni, u l-Integrazzjoni Soċjali

Minkejja t-tqassim ta' dawn il-karigi, il-Kunsill jġorr responsabbiltà sħiħa għalihom kollha b'mod kollettiv.

**FINANZI:**

Bħala finanzi, matul is-sena 2019, il-Kunsill kellu l-ammont ta' €279,482.00 bħala allokazzjoni diretta min-naħa tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, fejn madwar €85,000 minnhom tmur direttament fuq infiq amministrattiv, € 177,159.00 kienu vvutati għal spejjez kuntrattwali u manutenzjoni ġenerali tal-lokalità, u € 42,600.00 kienu vvutati għal infiq kapitali.

Għas-sena 2020, il-Kunsill se jkollu allokazzjoni ta' €289,09. Aktar dettalji dwar kif huwa pjanat li tintefaq l-allokazzjoni tas-sena li ġejja se ttihomlna l-*accountant* tal-Kunsill.

**MANUTENZJONI:**

Xi ħaġa innovattiva li ħriġna biha kienet il-kunċett tal-istrutturi għall-boroz taż-żibel bi xkaffa żgħira fuq nett għall-boroz il-bojod u ganċijiet fejn jeħlu l-boroż il-kbar suwed u griżi fil-ġenb. Tajjeb ngħidu li fil-maġġoranza tagħhom dawn jintużaw kif suppost, għalkemm sfortunatament għad hawn min jogħġbu jmur jarmi l-borża meta jfettillu mingħajr ma jagħti kaz tal-ġurnata u l-ħin.

Matul is-sena li għaddiet, beda wkoll xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istrutturi ta' Ġnien l-Imtarfa min-naħa tal-ħaddiema tal-Ministeru għat-Trasport u Proġetti Infrastrutturali. Dan ix-xogħol għadu għaddej bil-ħsieb li hekk kif jitraġġa kollox fi stat tajjeb, il-ġnien ikun jista' jgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali biex jieħu ħsieb tal-manutenzjoni tiegħu.

Sar xogħol ukoll fi Ġnien is-Sinjura, fejn inqalgħu għadd kbir ta' siġar invażivi u li kienu qed jagħmlu ħsara strutturali fil-*planters* u mal-art, tranġaw numru ta' *planters* u nżebgħu mill-ġdid, saret manutenzjoni u nżebgħet il-gazebo u saret *platform* tal-konkos biex fi ftit tal-ġimgħat oħra jitpoġġa tapit apposta biex jakkomoda l-istrutturi tal-*open gym*. Dawn l-istrutturi setgħu jinxtraw b'fondi li l-Kunsill rebaħ minn skema tal-Gvern Ċentrali bl-isem Eżerċizzju Fiżiku u Sport. Fil-ġimgħat li ġejjin se jingħata bidu wkoll għal xogħol fuq sistema tal-irrigazzjoni f'dan il-ġnien wara li ftit tal-ġimgħat ilu tħawlu bosta arbuxelli u siġar tal-frott f'din l-akwata. Se nkunu qed nerġgħu nitfgħu applikazzjoni ġdida u nippubblikaw offerta għat-tibdil tas-sistema elettrika kif ukoll għal fanali ġodda mat-tul kollu tal-ġnien.

B'dispjaċir ngħidu li għalkemm il-Kunsill daħħal applikazzjoni għall-fondi mal-Awtorità tal-Ippjanar biex ituna ftit aktar minn €30,000 biex jinbidel id-dawl kollu ta' Ġnien is-Sinjura, lejn l-aħħar ta' Diċembru dawn infurmawna li l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata fuq teknikalità żgħira u għaldaqstant dan ifisser li l-Kunsill kellu jerġa' jibda l-proċess tal-applikazzjoni u l-ħruġ tal-offerta.

Fi Triq l-Istazzjoni kompla x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-ħitan fejn dawn tnaddfu mill-għeruq u mill-ġebel li ma kienx stabbli, izzarmaw u reġgħu nbnew numru ta' ċnut u ħitan, u nbeda x-xogħol ta' twaħħil ta' *fencing* għas-sigurtà futura ta' min jgħaddi minn din it-triq. Dan ix-xogħol sar kollu mir-riżorsi tal-Ministeru għall-Infrastruttura.

**SERVIZZI:**

Il-Kunsill għandu wkoll numru ta' kuntratti li jagħtu servizzi madwar il-lokalità kollha, bħall-knis u qtugħ ta' ħaxix fit-toroq, fejn kull triq titnaddaf darbtejn fil-ġimgħa filwaqt li ċ-ċentru jintaddaf mit-

Tnejn sas-Sibt; nagħtu wkoll servizz ta' ftuħ, għeluq u tindif tal-latrini, kemm tal-pjazza kif ukoll tal-bandli fuq bazi ta' sebat ijiem fil-ġimgħa. Noffru wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart goff minn wara l-bieb, magħruf aħjar bħala *bulky refuse*, fejn wieħed jista' jiddisponi minn skart bħal *white goods*, biċċiet tal-għamara, eċċ. Dan jitħaddem fuq bazi ta' darbtejn fil-ġimgħa.

B'kuntratt separat mal-Iskema tal-GreenMT, nieħdu ħsieb ukoll li kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar jinġabar il-ħġieġ minn quddiem kull residenza. Grazzi lill-Wasteserv u lil GreenMT nassiguraw ukoll li b'mod regolari ngħaddu boroz taz-zibel grizi u bojod lir-residenti tagħna bħala inċentiv biex jirriċiklaw.

Nistgħu ngħidu wkoll li r-rimi tal-batteriji wzati kif ukoll oġġetti elettroniċi zgħar (WEEE) ġo *trolley* li hemm apposta għal dan l-għan fl-uffiċċju tal-Kunsill huma verament popolari u huma l-bosta li jagħmlu uzu minnhom b'mod regolari.

Ċertament li l-manutenzjoni tas-*soft areas* li għandna madwar il-lokalità huwa kuntratt li jieħu ħafna ħin u enerġija b'mod speċjali fid-dawl tal-estent ta' *planters* u zoni msaġġra li jezistu. Ix-xogħol jinkludi ħart, zbir, qlugħ ta' siġar aljeni, tħawwil ta' pjanti u siġar ġodda u tisqija b'mod speċjali fix-xhur tas-sajf. B'mod regolari nieħdu ħsieb li nzidu aktar siġar u arbuxelli indiġeni filwaqt li ftit ftit bdejna neqirdu siġar li huma invazivi u li qed jagħmlu ħsara b'mod speċjali dik strutturali.

Ċertament li pjaċir tagħna naraw li l-paġna ta' *facebook* tagħna illum laħħqet kwazi 3300 *like*. Minbarra din il-paġna, il-Kunsill għandu wkoll paġna oħra, dik ta' Military Mtarfa kif ukoll joffri s-servizz ta' *emails* li jintbagħtu direttament fl-indirizz personali tal-persuna b'dak kollu li jkun għaddej (*database*). Riċentament bdiet tinġabar ukoll informazzjoni dwar familji barranin li jgħixu fil-lokalità tagħna.

Bħal kull sena, matul ix-xahar ta' Ottubru ngħata l-vaċċin tal-influwenza lil madwar 95 anzjan/a fil-lokalità tagħna.

**ATTIVITAJIET:**

Bħal kull sena oħra, l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill ma naqsux. Dawn kienu jikkonsistu minn żjara tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, ħarġa għar-Redentur tal-Isla, ħarġa għall-anzjani ġewwa Għawdex, attivitajiet relatati mal-Milied bħalma huma l-ħarġa għal Għawdex għall-presepju ħaj, ikla tal-komunità u festin għall-anzjani, u għall-ewwel darba organizzajna wkoll tliet attivitajiet ġodda,

majjalata fil-pjazza, Halloween Village fil-ġnien ta' Dar il-Kaptan, kif ukoll attività bl-isem ta' Milied Ħlejju fil-Pjazza.

Nhar is-Sibt 27 ta' April, ittellgħet l-attività ta' Jum l-Imtarfa, li din is-sena nżammet f'Dar Kenn għal Saħħtek. Bħas-soltu ngħataw Ġieħ u Mertu l-Imtarfa kif ukoll Premju Twanny Bugeja għall-volontarjat.

Ġiet organizzata diskussjoni mar-Richmond Foundation dwar is-Saħħa Mentali fejn kien hemm anke talbiet li jsiru aktar taħdidiet simili b'mod regolari.

Matul is-Sajf ħadna ħsieb norganizzaw ukoll kors tal-Ewwel Għajnuna mal-JobsPlus, liema kors inżamm fil-binja tal-Kunsill u kien bla ebda ħlas.

**PROĠETTI:**

Matul is-sena li għaddiet, ingħata bidu għar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Maqdes Ruman, Triq Fremantle, Triq il-Konti Salv Manduca kif ukoll tlestew it-toroq kollha ta' bejn l-eks *barracks* bil-konkos. Riċentament inbeda wkoll ix-xogħol fuq Pjazza San Oswald u Triq it-Torri tal-Arloġġ fejn ġie kreat parkeġġ li fih joqogħdu 18-il vettura. Ix-xogħol kollu sar minn Infrastructure Malta.

Ix-xogħol tar-restawr tat-torri tal-arloġġ għadu għaddej ġmielu fejn kien hemm bosta laqgħat mal-kuntratturi, periti, inġiniera, u rapprezentanti tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali. Ingħata wkoll bidu għal xogħlijiet ta' tikħil, u żebgħa fost oħrajn u qabel ma jinbdew xogħlijiet oħra għaddejjin b'ħafna testijiet li għadhom bżonn il-benedizzjoni tas-Sovritendenza qabel ikunu jistgħu jinbdew. Inħarġu wkoll numru konsiderevoli ta' offerti anke fir-rigward tal-bini tal-*interpretation centre*. Matul is-sena 2020 għandhom isiru x-xogħlijiet kollha u sal-aħħar tas-sena z-zewġ proġetti għandhom ikunu konklużi u varati.

Sadanittant, mexxejna wkoll bil-pjanijiet, ġbir ta' BOQ's u *surveys* fir-rigward tal-proġett tal-pjazza tar-riġenerazzjoni tal-pjazza u ż-żieda fil-parkeġġi ta' Triq ir-Reġimenti Maltin kważi bid-doppju ta' dak li hemm fil-preżent. Nisperaw li dan il-proġett ikun jista' jinbeda aktar tard matul is-sena 2020. Fix-xahar ta' Mejju ġiet organizzata wkoll Konferenza Stampa fil-pjazza tal-Imtarfa fejn ġie mħabbar dan il-proġett ħolistiku. Bi pjaċir ninnutaw li l-ewwel parti ta' dan il-proġett, il-kreazzjoni tal-parkeġġi ġodda fi Triq it-Torri tal-Arloġġ, diġà tlesta.

Il-Kunsill irnexxielu wkoll jirbaħ €30,000 f'fondi mingħand Ambjent Malta sabiex juzahom fit-twettieq tar-rijabilitazzjoni u l-estensjoni tal-bosk tal-Imtarfa. Matul dan is-sajf sar ħafna xogħol ta' *stump grinding*, *shredding* ta' zkuk, qtugħ ta' siġar mejta u xogħol ekoloġiku ieħor. Matul ix-xahar ta' Novembru, sar ukoll taħwil ta' 'l fuq minn mitt arbuxell u siġra fil-bosk, attività li għaliha attendew numru sabiħ ta' tfal tal-iskawtz u anke residenti. Matul ix-xhur li ġejja għandu wkoll isir proġett ta' estensjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni f'dan il-bosk biex inkunu nistgħu nkomplu bir-rijabilitazzjoni tal-akwata kollha.

**INIZJATTIVI OĦRA:**

Wara li s-sena li għaddiet, inbeda l-proġett komunitarju bl-isem ta' *Foster a Tree Campaign*, fejn ir-residenti ntalbu li jkabbru xtieli ta' arbuxelli u siġar indiġeni biex 'il quddiem dawn jitħawlu f'xi lok jew ieħor madwar il-lokalità tagħna, riċentament saret sessjoni biex dawn l-arbuxelli jitpoġġew f'pots ikbar biex jingħataw lok biex jimirħu. Dan ifisser li matul is-sena d-dieħla, inkunu l-ewwel Kunsill Lokali li ħawwel siġar fil-lokalità tiegħu mkabbra esklussivament mir-residenti tagħna stess.

Għal darb'oħra, il-Kunsill reġa' wera s-sapport tiegħu għall-inizjattiva Pink October billi xegħel id-dawl roza fil-pjazza tal-Imtarfa; din inxtegħlet blu għall-kampanja kontra t-traffikar uman kif ukoll aħmar għall-kampanja favur l-għoti tad-demm. Inxtegħel ukoll it-torri bil-vjola għall-kampanja sabiex jinħoloq iktar għarfien dwar il-mard kroniku.

Flimkien maz-zewġ gruppi tal-iskawz organizzajna aktar minn *clean up* waħda fil-lokalità tagħna. Hawnhekk ta' min jiġbed l-attenzjoni li għalkemm huwa sabiħ li dawn it-tfal jitgħallmu jieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarhom, jagħmel sabiħ ħafna kieku jattendu aktar adulti għal dawn il-*cleanups*.

Fix-xahar ta' Settembru, organizzajna ġbir ta' zebbuġ għar-residenti kollha tagħna. Attendew numru sabiħ ta' persuni fejn b'kollox inqatgħu madwar 190 kilo ta' zebbuġ li sarrfu f'20 litru ta' zejt pur. Fi ftit ġimgħat oħra se jitqassam flixkun zejt lil kull min ipparteċipa bħala sinjal ta' apprezzament min-naħa tal-Kunsill Lokali.

Ilqajna fi ħdanna wkoll grupp ta' ħabsin u tajnihom l-opportunità li jitgħallmu fuq il-lokalità tagħna u jzuruha flimkien.

Hadna ħsieb il-qtates tal-lokalità billi kkummissjonajna 3 *cat shelters* kbar u bdew jinzebgħu numru sabiħ ta' *tyres* li wkoll se jinbidlu f'*cat shelters* biex naghtu kenn lill-qtates tagħna.

Ċertament li deċizjoni kontraversjali li ħa dan il-Kunsill kienet l-istqarrija kontra l-attività tal-Imdina Grand Prix li kull sena toħloq inkonvenjenza kbira lir-residenti tagħna. Għalkemm l-attività saret xorta waħda, għallanqas bi pjaċir innutajna li l-inkonvenjenza din is-sena kienet bil-wisq inqas mis-soltu.

Bħala parti mid-deċizjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill il-ġdid, saru avvizi għal numru ta' sottokumitati. Bi pjaċir ngħidu li kien hemm madwar 12-il persuna li għoġobhom jagħtu isimhom għal dawn is-sottokumitati u li tnejn minnhom diġà ltaqgħu u bdew bid-diskussjonijiet.

Wara li daħħalna applikazzjoni għal fondi għal-librerija pubblika, irnexxielna nirbħu madwar €3000 biex bihom inxtara apparat modern li bih wieħed jista' jara stampi b'mod virtwali. Is-sessjonijiet, li se nippruvaw nolqtu lil diversi strati ta' residenti bihom, se jkunu organizzati fil-librerija pubblika tal-Imtarfa matul is-sena 2020.

Ħames żgħażagħ Imtarfin din is-sena ngħataw l-opportunità li jmorru l-Polonja fuq Skambju taż-Żgħażagħ wara li l-amministrazzjoni tal-Kunsill irnexxielha ddaħħal applikazzjoni oħra rebbieħa. Għal dan l-iskambju ntrebħu €15,000 li ntefqu bejn il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa u l-*partners* li kien hemm fuq dan il-proġett.

Sfortunatament applikazzjoni oħra li ddaħħlet, dik tan-*Network of Towns*, ma kinitx konvinċenti bizzejjed.

Bħala parti mill-inizjattivi li saru ma' Malta kollha għall-*Pride Week*, il-Kunsill Lokali tagħna ħa ħsieb jizbogħ sett ta' bankijiet bil-kuluri tal-qawsalla u waħħalnihom f'post tassew prominenti, fi Triq San Alessi.

Tnieda kwestjonarju żgħir għal dawk il-barranin kollha li joqogħdu fil-lokalità tagħna sabiex ngħinuhom jintegraw aktar fil-lokalità. Sfortunatament sal-lum ma kinux ħafna li rrispondew lura imma aħna fiduċjuzi li bil-mod 'il mod jirnexxielna nkabbru l-ammont u ngħaqdu lil dawn il-barranin biex jibdew jinvolvu ruħhom aktar fil-komunità tagħna.

**KONKLUZJONI:**

Ċertament li għalkemm il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa huwa limitat kemm fir-riżorsi umani kif ukoll dawk finanzjarji, b'mod kostanti xorta waħda jirnexxielu jkun instrumentali biex ix-xogħlijiet ma jieqfu qatt, anzi joħloq inizjattivi biex l-isem tal-lokalità tagħna jżomm ruħu f'post prominenti mal-aqwa Kunsilli Lokali f'Malta.

14 ta' Jannar 2020